

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

L-UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET MIFTUĦA

AMMINISTRATIVI FIL-QASAM TAS-SAĦĦA PUBBLIKA (AD 6):

EPSO/AD/340/18 — Saħħa u sikurezza tal-ikel — awditjar, spezzjoni u evalwazzjoni

EPSO/AD/341/18 — Sikurezza tal-ikel — politika u leġislazzjoni

(2018/C 097 A/01)

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni: Is-17 ta' April 2018 f'12:00 (nofsinhar), CET

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjonijiet ġenerali, ibbażati fuq kwalifiki u testijiet, sabiex jinħolqu listi ta' riserva li minnhom il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tirrekluta membri ġodda tas-servizz pubbliku bħala "**amministraturi**" (grupp ta' funzjoni AD).

Il-kandidati li jirnexxu fil-kompetizzjoni EPSO/AD/340/18 fil-prinċipju se jiġu rreklutati fid-Direttorat F tal-Kummissjoni (Awditjar u analiżi tas-saħħa u tal-ikel) tad-Direttorat Ġenerali Saħħa u Sikurezza Alimentari (DG SANTE) li jinsab fi Grange (l-Irlanda).

Dan l-avviż ta' kompetizzjonijiet u l-annessi tiegħu jiffurmaw il-qafas legalment vinkolanti għal dawn il-proċeduri tal-għażla.

Ara l-ANNEX III għar-regoli ġenerali li jirregolaw il-kompetizzjonijiet ġenerali.

L-għadd mixtieq ta' kandidati magħżula:

EPSO/AD/340/18 - 20

EPSO/AD/341/18 - 35

Dan l-avviż jirrigwarda żewġ kompetizzjonijiet. **Tista' applika biss għal waħda.** Din l-għażla trid tagħmilha waqt l-applikazzjoni elettronika u ma tistax tibdilha ġaladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni elettronika tiegħek.

LIEMA KOMPITI GĦANDI NISTENNA LI NAGĦMEL?**EPSO/AD/340/18 — Saħħa u sikurezza tal-ikel — awditjar, spezzjoni u evalwazzjoni**

L-oqsma kkonċernati jinkludu l-oqsma kollha koperti mid-Direttorat F tad-DG SANTE (Awditjar u analiżi tas-saħħa u tal-ikel). Bħalissa dawn jinkludu s-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti, kif ukoll oqsma ta' ħarsien tas-saħħa (provi kliniċi għal mediċini tal-bniedem, apparati mediċi (inklużi apparati ta' dijanjostiċi in vitro) għall-użu mill-bniedem u prodotti mediċinali (inklużi ingredjenti attivi farmaċewtiċi)).

Il-kandidati reklutati se jkunu mistennija li jwettqu l-kompiti kollha relatati mal-awditi, spezzjonijiet, analiżi u ħarsiet ġenerali tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali u vjaġġi professjonali spissi għandhom ikunu mistennija. Ħidma foqhma oħra li mhux il-qasam tal-għarfien espert immedjati tiegħek tista' tkun mistennija matul il-karriera tiegħek.

EPSO/AD/341/18 — Sikurezza tal-ikel — politika u leġiżlazzjoni

L-oqsma kkonċernati huma s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti. Il-kandidati reklutati se jkunu meħtieġa jiżviluppaw politika u leġiżlazzjoni, jimplimentaw u jiġġestixxu l-leġiżlazzjoni eżistenti, iwettqu l-kompiti regolatorji, inkluża l-valutazzjoni tar-riskju, jissorveljaw il-ftehimiet kummerċjali u jkunu involuti f'negozjati fl-oqsma msemmija hawn fuq.

Ara l-ANNEX I għal aktar informazzjoni dwar id-dmirijiet tipiċi li għandhom jitwettqu.

JIENA ELIĠIBBLI BIEX NAPPLIKA?

Inti trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi KOLLHA dwar id-data tl-għeluq għall-applikazzjonijiet onlajn:

1) Kundizzjonijiet ġenerali:

- Tkun tgawdi mid-drittijiet kollha bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE
- Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-ligijiet nazzjonali dwar is-servizz militari
- Tkun issodisfajt ir-rekwiżiti ta' karattru mitluba għat-twettiq tad-dmirijiet involuti.

2) Kundizzjonijiet speċifiċi — lingwi:

Irid ikollok għarfien ta' **mill-inqas żewġ (2) lingwi uffiċjali tal-UE**, b'għarfien profond (livell C1) ftal-anqas waħda minnhom u għarfien sodisfaċenti fl-oħra (livell minimu B2).

Kun af li l-livelli minimi rikjesti jridu jkunu japplikaw għal kull ħila lingwistika (diskors, kitba, qari u smiġh) kif rikjest fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-ħiliet jirriflettu dawk tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (<https://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>).

F'dan l-avviż ta' kompetizzjoni nagħmlu referenza għal-lingwi bħala:

- Lingwa 1: il-lingwa użata għat-testijiet b'Għażliet Multipli bbażati fuq il-kompjuter
- Lingwa 2: il-lingwa użata għall-formola tal-applikazzjoni, iċ-ċentru ta' valutazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-EPSo u l-kandidati li jkunu ressuq applikazzjoni valida. Din il-lingwa trid tkun differenti mil-lingwa 1.

Il-Lingwa 2 trid tkun l-Ingliż, il-Frañċiż, il-Ġermaniż jew it-Taljan.

L-Artikolu 28(f) tar-Regolament tal-Persunal jipprovdli li uffiċjal jista' jkun appuntat biss bil-kundizzjoni li jipproduċi evidenza ta' għarfien profond ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra. L-istituzzjonijiet għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' f'dak li jirrigwarda l-mezzi użati biex tiġi evalwata l-ħila tal-kandidati li jaħdmu flingwa oħra.

Il-kandidati jridu jimlew il-formola ta' applikazzjoni onlajn bil-lingwa 2 tagħhom.

Il-metodu ta' selezzjoni bbażat fuq il-kwalifiki użat mill-Awtorità tal-Ħatra fl-avviż ta' kompetizzjoni (jiġifieri t-Talent Screener) jeħtieġ li jsir eżami komparattiv tal-għarfien u l-ħiliet tal-kandidati sabiex jintgħażlu l-iktar adegwati fir-rigward tal-funzjonijiet li għandhom jitwettqu (kif dettaljat fl-Anness I ta' dan l-avviż ta' kompetizzjoni).

Ir-rekwiżit li timtela l-formola ta' applikazzjoni fil-lingwa 2 se jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-applikanti li juru għarfien sodisfaċenti u l-ħiliet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet kif hemm fid-dettall fl-Anness I ta' dan l-avviż ta' kompetizzjoni.

Il-kandidati li jkunu ġew ingaġġati b'suċċess għal dawn l-oqsma partikolari huma mistennija li jkollhom għarfien sodisfaċenti (livell minimu B2) tal-Ingliż, il-Franċiż, it-Taljan jew il-Ġermaniż. Filwaqt li l-għarfien ta' lingwi addizzjonali jista' jkun ta' vantaġġ, fil-qasam ikkonċernat (is-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenzija dedikata bbażata fi Brussell, l-Irlanda u l-Italja) il-kandidati ta' suċċess jistgħu jirrikorru għall-Ingliż, il-Franċiż, it-Taljan jew il-Ġermaniż għax-xogħol tagħhom, jew il-komunikazzjoni interna jew il-komunikazzjoni mal-partijiet interessati esterni, il-pubblikazzjonijiet u r-rapporti, għalhekk, fir-rigward ta' dawn is-servizzi, għarfien sodisfaċenti ta' waħda minn dawn l-erba' lingwi huwa essenzjali. Din l-għażla hija orjentata lejn is-servizz, u konsegwentement, kandidat ta' suċċess li ma għandux għarfien sodisfaċenti ta' waħda minn dawn l-erba' lingwi ma jkunx immedjatament f'pożizzjoni li jkun jista' jiffunzjona.

3) **Kundizzjonijiet speċifiċi — kwalifiki u esperjenza tax-xogħol:**

EPSO/AD/340/18 — Saħħa u sikurezza tal-ikel — awditjar, spezzjoni u evalwazzjoni

— Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kompluti ta' **mill-inqas tliet (3) snin**, iċċertifikat b'diploma, segwit minn mill-inqas **erba' (4) snin** esperjenza professjonali relatata b'mod dirett man-natura tad-dmirijiet.

EPSO/AD/341/18 — Sikurezza tal-ikel — politika u leġiżlazzjoni

— Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' **mill-inqas tliet (3) snin**, iċċertifikati b'diploma fil-mediċina veterinarja, l-agrikoltura, il-kimika, il-leġiżlazzjoni tal-ikel u tan-nutrizzjoni, il-bijoloġija, ix-xjenza tal-ikel (inkluż pereżempju il-kimika tal-ikel, il-bijokimika, it-teknoloġiji tal-ikel, il-mikrobijoloġija, ix-xjenza politika, l-ekonomija fl-industrija tal-ikel agrikolu, jew b'diploma f'suġġett ieħor direttament relevanti għan-natura tad-dmirijiet. Id-diploma tiegħek trid tiġi segwita minn esperjenza professjonali ta' **mill-inqas 4 snin**, li tkun direttament relevanti għan-natura tad-dmirijiet.

Ara l-ANNESS IV għal eżempji ta' kwalifiki minimi

KIF NINTGĦAŻEL?

1) **Il-proċess ta' applikazzjoni**

Il-formola ta' applikazzjoni onlajn tiegħek trid timliha biss bil-lingwa li tkun għażilt bħala lingwa 2 tiegħek (ara t-taqsima "Kundizzjonijiet Speċifiċi — lingwi").

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, se tintalab tikkonferma l-eliġibbiltà tiegħek għall-kompetizzjoni u tagħti aktar informazzjoni **rilevanti għall-kompetizzjoni magħżula** (pereżempju: diplomi, esperjenza ta' xogħol, u tweġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi għall-qasam (Talent Screener)). Ikkollok tagħżel ukoll il-lingwa 1 tiegħek (kull lingwa mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE) u l-lingwa 2 tiegħek.

Bil-validazzjoni tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek, tkun qed tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha msemmija taħt it-taqsima "Jien eliġibbli biex napplika?" Meta tivvalida l-formola ta' applikazzjoni tiegħek, ma tkunx tista' tibqa' tagħmel bidliet oħra. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-applikazzjoni tiegħek **sal-iskadenza**.

2) **Testijiet ta' Mistoqsijiet b'Għażla Multipla (multiple-choice question, MCQ) fuq il-kompjuter**

Jekk in-numru ta' kandidati **jaqbeż ċertu limitu**, definit għal kull kompetizzjoni mid-direttur tal-EP SO li jaġixxi bħala l-Awtorità tal-Ħatra, il-kandidati kollha li jkunu vvalidaw il-formola tal-applikazzjoni tagħhom sal-iskadenza jkunu mistiedna jattendu sensjela ta' testijiet MCQ bil-kompjuter f'wieħed miċ-ċentri akkreditati tal-EP SO.

Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, **trid tibbukkja** appuntament għat-testijiet MCQ skont l-istruzzjonijiet mill-EP SO. Tipikament, tiġi offrut diversi dati li fihom inti tista' tagħmel it-testijiet, f'diversi postijiet. Il-perjodi tal-ibbukkjar u l-ittestjar **huma limitati**.

Jekk in-numru ta' kandidati **jkun taħt il-limitu**, dawn it-testijiet minflok jiġu organizzati fiċ-ċentru ta' valutazzjoni (punt 5).

It-testijiet MCQ bil-kompjuter ikunu organizzati kif ġej:

It-testijiet	Lingwa	Mistoqsijiet	Durata	Immarkar	Marka minima mehtieġa
Raġunament verbali	Lingwa 1	20 mistoqsija	35 min	Sa 20 punt	10/20
Raġunament numeriku	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	20 min	Sa 10 punti	Numeriku + astratt flimkien: 10/20
Raġunament astratt	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	10 min	Sa 10 punti	

Dawn it-testijiet huma eliminatorji u ma jgħoddux għat-testijiet l-oħrajn li jsiru fiċ-ċentru ta' valutazzjoni.

3) **Kontrolli tal-eliġibilità**

Il-kundizzjonijiet kollha msemmija taħt it-Taqsima "Jien eliġibbli biex napplika?" hawn fuq jiġu ċċekkjati mad-data pprovduta fl-applikazzjonijiet onlajn tal-kandidati. L-EPSCO jċċekkja jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibilità filwaqt li l-bord tas-selezzjoni jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibilità.

Hemm żewġ (2) xenarji possibbli:

- Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter **jiġu organizzati minn qabel**, il-fajls tal-kandidati jiġu ċċekkjati għall-eliġibilità f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-marki miksuba f'dawn it-testijiet sakemm jintlaħaq il-limitu għan-numru ta' kandidati eliġibbli definit għal kull kompetizzjoni qabel it-testijiet mid-direttur tal-EPSCO li jaġixxi bħala Awtorità tal-Ħatra. Il-fajls l-oħrajn ma jiġux iċċekkjati.
- Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter **ma jiġux organizzati minn qabel**, il-fajls tal-kandidati kollha lli jkunu vvalidaw l-applikazzjoni tagħhom sal-iskadenza jiġu ċċekkjati għall-eliġibilità.

4) **Selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki — Talent Screener (Evalwatur tat-Talenti)**

Sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista' jwettaq valutazzjoni oġġettiva tal-merti komparattivi tal-kandidati kollha b'mod strutturat, kull kandidat fl-istess kompetizzjoni jrid iwieġeb l-istess sett ta' mistoqsijiet fit-taqsima "Talent Screener" tal-formola ta' applikazzjoni. Is-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki ssir **biss għal dawk il-kandidati meqjusa eliġibbli** kif deskritt hawn fuq fil-punt 3, bl-użu **biss** tal-informazzjoni pprovduta f'din it-Taqsima Talent Screener. Għalhekk jinħtieġ li tinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti fit-tweġibiet tiegħek fit-taqsima "Talent Screener", anki jekk tkun diġà semmejtha f'taqsimiet oħra tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek. Il-mistoqsijiet huma bbażati fuq il-kriterji tal-għażla inklużi f'dan l-avviż.

Ara l-ANNESS II għal-lista ta' kriterji.

Biex jagħmel is-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-bord tas-selezzjoni l-ewwel jassenja piż lil kull **kriterju tas-selezzjoni** li jirrifletti l-importanza relattiva tiegħu (minn 1 sa 3) u t-tweġibiet ta' kull kandidat jingħataw bejn 0 u 4 punti. Il-punti jiġu mbagħad immultiplikati bil-piż għal kull kriterju u magħduda flimkien sabiex jiġu identifikati dawk il-kandidati li l-profilu tagħhom jissodisfaw l-aħjar id-dmirijiet li se jitwettqu.

Dawk il-kandidati li jkunu kisbu l-aħjar marki totali fis-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki biss se jgħaddu għall-istadju li jmiss.

5) **Iċ-Ċentru ta' valutazzjoni**

Sa massimu ta' tliet (3) darbiet tal-għadd ta' kandidati ammessi mfittxija għal kull kompetizzjoni jiġu mistiedna għal din il-fażi. Jekk tissodisfa r-rekwiżiti tal-eliġibilità skont id-data fl-applikazzjoni onlajn tiegħek u jekk għandek waħda mill-**oġġla marki totali** fis-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, tiġi mistieden sabiex tagħmel għurnata (1) jew tnejn (2) f'ċentru ta' valutazzjoni, x'aktarx fi **Brussell**, sabiex tagħmel it-testijiet **fil-lingwa 2 tiegħek**.

Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter deskritti fil-punt 2 **ma jkunux organizzati minn qabel**, tagħmilhom fiċ-ċentru ta' valutazzjoni. Dawn it-testijiet huma eliminatorji u l-marki miksuba mhux se jkunu miżjuda mal-marki ta' testijiet oħra li jsiru fiċ-ċentru ta' valutazzjoni fil-kalkolu tal-punteġġ totali tiegħek.

Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, trid iġġib miegħek id-dokumenti ta' sostenn (oriġinali jew kopji ċertifikati) għaċ-ċentru ta' valutazzjoni. L-EPSCO jiskennjahom matul it-testijiet fiċ-ċentru ta' valutazzjoni tiegħek u jagħtihomlok lura fl-istess ġurnata.

Fiċ-Ċentru ta' Valutazzjoni jiġu ttestjati tmien kompetenzi ġenerali u l-kompetenzi speċifiċi meħtieġa għal kull kompetizzjoni permezz ta' **erba' testijiet** (żewġ intervisti ġenerali u speċifiċi bbażati fuq il-kompetenza, eżerċizzju fi grupp u studju ta' każ) kif deskritt fil-matriċi li ġejjin:

Kompetenza	It-testijiet	
1. Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	Eżerċizzju fi grupp	Studju ta' każ
2. Kommunikazzjoni	Studju ta' każ	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
3. Kwalità u riżultati	Studju ta' każ	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
4. Tagħlim u żvilupp	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
5. Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	Eżerċizzju fi grupp	Studju ta' każ
6. Reżiljenza	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
7. Ħidma ma' oħrajn	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
8. Ħiliet ta' tmexxija	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali

Marki minimi meħtieġa: 3/10 għal kull kompetenza u 40/80 b'kollox

Kompetenzi	It-test
Kompetenzi foqhma speċifiċi	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi speċifiċi

Minimu meħtieġ: 50/100

6) **Lista ta' riserva**

Wara li jiċċekkja l-eliġibilità tal-kandidati mad-dokumenti ta' sostenn tagħhom, il-bord tas-selezzjoni jstabbilixxi lista ta' riżerva għal kull kompetizzjoni — sakemm jintlaħaq l-għadd meħtieġ ta' kandidati li għaddew — minn daww il-kandidati eliġibbli li jkunu kisbu l-marki minimi meħtieġa kollha kif ukoll l-oġġla marki wara ċ-ċentru ta' valutazzjoni. L-ismijiet jiġu elenkati f'ordni alfabetiku.

Il-listi ta' riżerva u l-passaporti ta' kompetenza, li jagħtu rispons kwalitattiv mill-Bord tas-Selezzjoni, tal-kandidati ta' suċċess jkunu disponibbli għall-istituzzjonijiet Ewropej fil-proċeduri ta' reklutaġġ u l-iżvilupp futur tal-karriera. L-inklużjoni flista ta' riżerva **ma tfissirx li għandek xi dritt jew garanzija ta' reklutaġġ**.

OPPORTUNITAJIET INDAQS U AĠĠUSTAMENTI SPEĊJALI

L-EPSCO jagħmel l-almu tiegħu biex japplika opportunitajiet, trattament u aċċess ugwali lill-kandidati kollha.

Jekk għandek diżabilità jew kundizzjoni medika li tista' tfixxkel l-abilità tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek b'żonn.

Skopri aktar dwar il-politika ta' opportunitajiet indaqs tagħna u l-proċedura biex titlob aġġustamenti speċjali fuq il-websajt tagħna (https://epso.europa.eu/how-to-apply/equal-opportunities_mt) u fir-regoli Ġenerali annessi ma' dan l-avviż (taħt il-punt 1.3. Opportunitajiet indaqs u aġġustamenti speċjali).

META U FEJN NISTA' NAPPLIKA?

Sabiex tapplika, l-ewwel trid toħloq kont tal-EPPO. Innota li tista' toħloq kont tal-EPPO wieħed biss għal kull applikazzjoni tal-EPPO.

Applika onlajn fuq is-sit tal-EPPO https://epso.europa.eu/apply/job-offers_mt sas-:

Is-17 ta' April 2018 f'12:00 (nofsinhar), CET.

ANNEX I

KOMPITI

EPSO/AD/340/18 — Saħħa u sikurezza tal-ikel — awditjar, spezzjoni u evalwazzjoni

L-uffiċjali jkunu mitluba jwettqu l-kompiti skont kif deskritti, bħala indikazzjoni, hawn taħt:

- It-twettiq u t-tmexxija ta' verifiki, spezzjonijiet u valutazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali u entitajiet uffiċjali oħra responsabbli *inter alia* għal korpi ta' sorveljanza u kontroll regolatorju fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti (organiżmi li jagħmlu l-ħsara, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u residwi tal-pestiċidi), l-organiżmi ġenetikament modifikati, l-għalf u n-nutrizzjoni tal-annimali, il-protezzjoni tas-saħħa (provi kliniċi għall-mediċini tal-bniedem (inklużi apparati dijanjostiċi in vitro) għall-użu mill-bniedem u prodotti mediċinali (inklużi l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi)) u oqsma relatati.
- Dmirijiet amministrattivi fl-oqsma ta' hawn fuq inklużi t-tħejjija ta' pjanijiet ta' awditjar u evalwazzjoni, it-tfassil ta' rapporti tal-awditjar u l-komunikazzjoni tar-riżultati ta' tali awditjar, l-iżgurar tal-konsistenza u l-kwalità tar-rapporti, il-koordinazzjoni ma' unitajiet ta' politika rilevanti fil-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni, u l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-irfinar tal-politiki fid-dawl tar-riżultati tal-attivitajiet ta' awditjar u spezzjoni marbuta mal-oqsma ta' hawn fuq.
- Iż-żamma tal-għarfien u l-kompetenza esperta professjonali u xjentifika rilevanti għall-oqsma tekniċi inklużi fl-ewwel paragrafu hawn fuq.
- It-tħejjija ta' kontribuzzjonijiet bil-miktub u rapporti fi żmien skadenzi qosra u tal-kwalità stabbilita mid-Direttorat.
- It-tħejjija ta' kwistjonijiet tekniċi u l-attenzja fl-aqgħat ma' membri oħra tal-Kummissjoni u/jew parteċipanti esterni.
- Il-ġbir, l-analiżi u l-ġbir fil-qosor ta' data u informazzjoni minn sorsi differenti.
- L-iżvilupp u l-offerta ta' preżentazzjonijiet bl-użu ta' materjal xieraq, dwar oqsma tekniċi speċifiċi u kwistjonijiet ġenerali relatati mal-impjeg.
- Tagħlim, fejn meħtieġ, ta' oqsma tekniċi ġodda li jippermettu l-attività tal-awditjar f'dawn l-oqsma kif deċiż fid-DĠ għall-proċess ta' prijoritizzazzjoni.

N.B. Il-kompiti jistgħu jinkludu vjaġġar frekwenti lejn l-Istati Membri u pajjiżi li mhumiex fl-UE kif ukoll ir-rappreżentanza tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea f'kuntatti ma' uffiċjali nazzjonali flivell għoli.

EPSO/AD/341/18 — Sikurezza tal-ikel — politika u leġiżlazzjoni

L-uffiċjali jkunu mitluba jwettqu l-kompiti skont kif deskritti, bħala indikazzjoni, hawn taħt:

- L-iżvilupp tal-politika u tal-leġiżlazzjoni, u l-ġestjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti.
- L-implimentazzjoni tal-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u tas-saħħa tal-pjanti, it-twettiq ta' studji ta' tħejjija soċjoekonomiċi u l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-Istati Membri.
- It-twettiq ta' kompiti regolatorji fl-oqsma diversi tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u s-saħħa tal-pjanti (inklużi l-valutazzjoni tar-riskji u l-ġestjoni tal-kriżijiet) u s-segwitu tal-il-iżviluppi xjentifiċi f'dawn l-oqsma.
- Tħejjija u parteċipazzjoni fin-negozjati (gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni, kumitati tal-UE, istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali) inklużi l-analiżi u l-evalwazzjoni tal-proposti fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf.
- Il-monitoraġġ u s-segwitu tal-arranġamenti kummerċjali u l-ftehimiet bilaterali u multilaterali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf.
- Il-monitoraġġ u l-kontribuzzjoni għall-attivitajiet internazzjonali regolatorji tal-UE (CODEX, SPS, WHO, FAO) u l-politiki kummerċjali fis-settur tal-ikel (WTO-TBT) u s-sikurezza tal-għalf.

-
- Il-monitoraġġ u l-użu tal-parir xjentifiku elaborat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel u aġenziji rilevanti oħra tal-UE.
 - L-iżvilupp, il-kontribuzzjoni għal u l-monitoraġġ tal-politiki tal-UE fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf u l-politika industrijali tagħha fuq prodotti ta' ikel u ta' għalf.

Tmiem tal-ANNEX I, ikklikkja hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali

ANNEX II

KRITERJI TAS-SELEZZJONI

Il-bord tas-selezzjoni jikkunsidra l-kriterji li ġejjin għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki:

EPSO/AD/340/18 — Saħħa u sikurezza tal-ikel — awditjar, spezzjoni u evalwazzjoni

1. Esperjenza professjonali fit-tweqqif tal-awditjar, spezzjoni u evalwazzjoni f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin: is-sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti, kif ukoll oqsma ta' ħarsien tas-saħħa (provi kliniċi għall-mediċini tal-bniedem (inklużi apparati dijanjostiċi in vitro) għall-użu mill-bniedem, u prodotti mediċinali (inklużi l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi));
2. Esperjenza professjonali ta' sistemi ta' kontroll jew fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma msemmija fil-kriterju 1 miksuba wara ħidma fis-settur pubbliku;
3. Esperjenza professjonali ta' sistemi ta' kontroll jew fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma msemmija fil-kriterju 1 miksuba wara ħidma fis-settur privat;
4. Mill-inqas sentejn esperjenza professjonali f'sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità b'rabta mal-oqsma msemmijin fil-kriterju 1;
5. Esperjenza professjonali fl-oqsma msemmija fil-kriterju 1 miksuba f'ħidma fpajjiżi differenti;
6. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' rapporti jew dokumenti ta' komunikazzjoni bil-miktub oħra rilevanti għan-natura tad-dmirijiet fl-oqsma msemmija fil-kriterju 1;
7. Esperjenza professjonali fil-ħidma fis-saħħa tal-pjanti;
8. Esperjenza professjonali fil-ħidma bħala spettur tal-prattika klinika tajba fil-provi għall-mediċini għall-bnedmin;
9. Esperjenza professjonali fil-ħidma fil-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' korpi notifikati fil-qasam tal-apparati mediċi (inklużi l-mezzi dijanjostiċi in vitro) jew valutazzjonijiet ta' konformità tal-imsemmija apparati;
10. Esperjenza professjonali fil-ħidma bħala spettur farmakoloġiku fil-qasam ta' prattiċi tajba ta' manifattura għall-prodotti mediċinali (inklużi l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi).

EPSO/AD/341/18 — Sikurezza tal-ikel — politika u leġiżlazzjoni

1. Esperjenza professjonali ta' mill-inqas sentejn fl-iżvilupp ta' politika u leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf, in-nutrizzjoni, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti;
2. Esperjenza professjonali ta' mill-inqas sentejn fl-iżvilupp ta' studji xjentifiċi, soċjoekonomiċi u politiċi b'rabta mas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf u fl-integrazzjoni tal-eżitu fil-politiki imsemmija fil-kriterju 1;
3. Esperjenza professjonali ta' mill-inqas sentejn fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, jew fil-ġestjoni ta' din il-leġiżlazzjoni u l-evoluzzjoni tagħha, fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf, in-nutrizzjoni, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti.
4. Esperjenza professjonali fit-trattament ta' kwistjonijiet politikament sensitivi, li jinvolvu b'mod partikolari l-ħidma dwar konsultazzjonijiet pubbliċi, l-aċċess għal rikjesti ta' dokumenti, il-komunikazzjoni tal-kriżijiet jew l-ippreparar ta' linja ta' azzjoni għal finijiet ta' komunikazzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf, in-nutrizzjoni, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti;
5. Esperjenza professjonali (minbarra l-attivitajiet ta' awditjar) fil-monitoraġġ u l-kontribuzzjoni għall-attivitajiet internazzjonali regolatorji (pereżempju l-iżvilupp ta' standards internazzjonali u ftehimiet ta' kummerċ fis-settur tal-ikel u l-ġhalf);
6. Esperjenza professjonali fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-ġhalf, in-nutrizzjoni, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' għodod, kriterji, indikaturi tal-prestazzjoni, statistika, sistema ta' rappurtar eċċ.;

7. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' rapporti, mistoqsijiet parlamentari, petizzjonijiet, sessjonijiet ta' tagħrif jew dokumenti ta' komunikazzjoni bil-miktub oħra fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, in-nutrizzjoni, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti;
8. Esperjenza professjonali f'negozjati mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet interessati, fil-preparazzjoni għal u l-parteċipazzjoni flaqghat u negozjati fil-livell tal-UE fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, in-nutrizzjoni, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti.

Tmiem tal-ANNESS II, ikklikkja hawn biex tmur lura għat-test prinċipali

ANNEX III

REGOLI ĠENERALI LI JIRREGOLAW IL-KOMPETIZZJONIJET ĠENERALI

INFORMAZZJONI ĠENERALI

Kull referenza, fil-qafas ta' proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-EPPO, għal persuna ta' ġeneru speċifiku trid tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' kull ġeneru ieħor.

Jekk kandidati jiksbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli f'kull stadju tal-kompetizzjoni, dawn kollha jgħaddu għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni. Kull kandidat imdaħħal mill-ġdid wara appell b'suċċess jiġi mistieden għall-istadju li jmiss.

Jekk kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli fil-lista ta' riżerva, dawn jiġu inklużi kollha fil-lista ta' riżerva. Kull kandidat imdaħħal mill-ġdid wara appell b'suċċess f'dan l-istadju tal-proċedura jiddied ukoll mal-lista ta' riżerva.

1. MIN JISTA' JAPPLIKA?

1.1. Il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi

Il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi (inkluż l-għarfien tal-lingwi) għal kull qasam jew profil huma indikati fit-Taqsima "Jien eliġibbli biex napplika?".

Il-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien tal-lingwi jvarjaw skont il-profil mitlub. Fl-applikazzjoni tiegħek, jinħtieġ li tinkludi kemm jista' jkun informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tiegħek (fejn meħtieġ) kif deskritt fit-Taqsima "Jien eliġibbli biex napplika?" ta' dan l-avviż **li hija rilevanti għall-kompiti**.

- (a) **Diplomi u/jew ċertifikati:** Diplomi, kemm jekk maħruġa f'pajjiżi tal-UE u kemm jekk le, iridu jiġu rikonoxxuti minn korp uffiċjali ta' Stat Membru tal-UE, pereżempju Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Stat Membru tal-UE. F'dan ir-rigward, il-bord tas-selezzjoni jqis id-differenzi bejn is-sistemi tal-edukazzjoni.

Għall-edukazzjoni postsekondarja u taħriġ tekniku, professjonali jew speċjalizzat, indika s-suġġetti koperti, it-tul ta' żmien u jekk dan kienx kors full-time, kors part-time jew kors ta' filgħaxija.

- (b) **L-esperjenza professjonali** (jekk meħtieġa), titqies biss jekk tkun rilevanti għall-funzjonijiet meħtieġa u:

- tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv;
- tkun imħallsa;
- tkun tinvolti relazzjoni ta' subordinazzjoni jew il-forniment ta' servizz; kif ukoll
- tkun suġġetta għal dawn il-kundizzjonijiet:
 - **ħidma volontarja:** jekk imħallsa u tinvolti ħinijiet fil-ġimgħa u tul bħal impjeg normali;
 - **apprendistati:** jekk imħallsa;
 - **servizz militari obligatorju:** magħmul qabel jew wara d-diploma meħtieġa għal perjodu li ma jaqbiżx it-tul ta' żmien statutorju fl-Istat Membru tiegħek;
 - **liv tal-maternità/tal-paternità/tal-adozzjoni:** jekk kopert minn kuntratt ta' impjeg;
 - **dottorat:** għal perjodu massimu ta' tliet snin, bil-kundizzjoni li d-dottorat ikun effettivament inkiseb, u jekk ix-xogħol kienx imħallas jew le; kif ukoll
 - **xogħol part-time:** ikkalkulat *pro rata* skont in-numru ta' sigħat maħduma, pereżempju half-time għal sitt xhur ikun jiswa daqs tliet xhur.

1.2. Dokumenti ta' sostenn

Fl-istadji differenti tal-proċedura tas-selezzjoni, ikollok tipprovdi dokument uffiċjali li juri ċ-ċittadinanza tiegħek (pereżempju passaport jew karta tal-identità) li jrid ikun validu fid-data tal-għeluq tal-applikazzjoni tiegħek (id-data tal-għeluq tal-ewwel parti tal-applikazzjoni tiegħek fil-każ ta' xenarju ta' applikazzjoni b'żewġ partijiet).

Il-perjodi kollha ta' attività professjonali jridu jkunu koperti minn oriġinali jew fotokopji ċċertifikati ta':

- **dokumenti minn impjegatur(i) fil-passat kif ukoll mill-impjegatur(i) attwali** li jiddikjaraw in-natura u l-livell tad-dmirijiet imwettqa, id-dati tal-bidu u tat-tmiem, it-timbru uffiċjali tal-kumpanija u l-isem u l-firma tal-persuna responsabbli; jew
- **il-kuntratt(i) tax-xogħol flimkien mal-ewwel u l-aħħar irċevuta tal-paga**, b'deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet imwettqa;
- (għal xogħol mingħajr paga fissa pereżempju impjieg għal rasek jew professjonijiet liberali) **fatturi jew formoli ta' ordnijiet** li jiddeskrivu x-xogħol imwettaq jew kull dokument uffiċjali ta' prova ieħor rilevanti;
- (għall-interpreti ta' konferenzi, fejn l-esperjenza professjonali hija meħtieġa) dokumenti li **jurju l-għadd ta' jiem**, u l-**lingwi interpretati** minn u lejn, relatati speċifikament mal-interpretazzjoni ta' konferenzi.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova sabiex tipprova l-għarfien tiegħek tal-lingwi, minbarra għal ċerti kompetizzjonijiet għal lingwisti jew speċjalisti.

Tista' tinalab informazzjoni jew dokumenti addizzjonali f'kull stadju tal-proċedura. L-EPPO jinfirmak liema dokumenti ta' sostenn għandek b'żonn tipprovdi u meta.

1.3. Opportunitajiet indaqs u aġġustamenti speċjali

Jekk għandek diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' tfixkel l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek b'żonn. Jekk diżabbiltà jew kundizzjoni tiżviluppa wara li tkun ivalidajt l-applikazzjoni tiegħek, trid tinforma lill-EPPO malajr kemm jista' jkun billi tuża l-informazzjoni indikata hawn taħt.

Innota li jkollok tibgħat ċertifikat mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku lill-EPPO sabiex it-talba tiegħek tittieħed inkunsiderazzjoni. Id-dokumenti ta' sostenn tiegħek jiġu eżaminati, b'tali mod li l-akkomodazzjoni raġonevoli tista' ssir meta dan ikun meħtieġ.

Jekk tiltaqa' ma' xi kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà, jew jekk għandek b'żonn aktar informazzjoni, ikkuntattja t-tim tal-aċċessibbiltà tal-EPPO bil-:

- posta elettronika (EPPO-accessibility@ec.europa.eu);
- faks (+32 22998081); jew
- posta:

European Personnel Selection Office (EPPO)
EPPO accessibility
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

2. MINN MIN NIĠI VVALUTAT?

Jiġi maħtur bord tas-selezzjoni biex iqabbel lill-kandidati u jagħżel l-aħħar fosthom fuq il-bażi tal-kompetenzi, il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-avviż tal-kompetizzjoni. Il-membri tiegħu jiddeterminaw ukoll il-livell ta' diffikultà tat-testijiet tal-kompetizzjoni u japprovaw il-kontenut tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO.

Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-bord tas-selezzjoni, huwa strettament ipprojbit għall-kandidati jew kull persuna barra mill-bord li tipprova tagħmel kuntatt ma' wieħed mill-membri tiegħu, ħlief fil-kuntest tat-testijiet li jeħtieġu interazzjoni diretta bejn il-kandidati u l-bord.

Il-kandidati li jixtiequ jesprimu l-fehma tagħhom jew jafferu id-drittijiet tagħhom iridu jagħmlu dan bil-miktub, billi jindirizzaw il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-bord tas-selezzjoni lill-EPPO, li mbagħad jgħaddiha lill-bord. L-interventi kollha diretti jew indiretti tal-kandidati li jsiru mingħajr ma jiġu segwiti dawn il-proċeduri huma pprojbiti u jstgħu jwasslu għall-esklużjoni mill-kompetizzjoni.

L-eżistenza ta' relazzjoni familjari jew rabta ġerarkika bejn kandidat u membru tal-bord tas-selezzjoni, b'mod partikolari, tagħti lok għal konflitt ta' interess. Il-bordijiet tas-selezzjoni huma mitluba jiddikjaraw kull sitwazzjoni bħal din lill-EPPO immedjatament meta jsiru jafu bihom. L-EPPO jevalwa kull każ individwalment u jieħu l-miżuri xierqa. In-nuqqas ta' rispett tar-regoli msemmija hawn fuq jista' jagħmel lill-membri tal-ġurija suġġetti għal azzjoni dixxiplinarja u jirriżulta fi skwalifika mill-kompetizzjoni għall-kandidati (ara t-Taqsima 4.4).

L-ismijiet tal-membri tal-ġurija huma ppubblikati fuq is-sit web tal-EPPO (www.eu-careers.eu) qabel il-bidu ta' ċentru/fażi ta' valutazzjoni.

3. KOMUNIKAZZJONI

3.1. Komunikazzjoni mal-EPPO

Jinħtieġ li tikkonsulta l-kont tal-EPPO tiegħek **tal-inqas darbtejn** fil-ġimgħa biex iżżomm kont tal-progress tiegħek matul il-kompetizzjoni. Jekk ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba problema teknika min-naħa tal-EPPO, trid tinnotifika lill-EPPO immedjatament u esklussivament permezz tas-sit web tal-EPPO (https://epso.europa.eu/help_mt).

